# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 54/10/1 JRM**

**Philip Gauci u Carmelo Gauci; u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2012, Mariella u Paul, aħwa Gauci, assumew l-atti tal-kawża minflok Philip Gauci li miet fil-mori tal-kawża, u b'digriet tas-6 ta' April, 2012, il-ġudizzju għadda wkoll f'isem Saverin Gauci**

**v.**

**Maġistrat Dottor Doreen Clarke fil-kwalità tagħha ta' eżekutriċi testamentarja tal-eredità tad-defunta Maria Gauci, xebba, bint il-mejtin Paolo Gauci u Agostina *neé* Calleja; Alfred Gauci u b'digriet mogħti llum saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem uliedu Dorianne Gauci u Rose Bonello; Suor Olderica Gauci, Clementina Galea mart id-defunt Paul Galea, u bħala eredi tal-istess Paul Galea, Marika Asciak, Sharon Borg, Melvin Fenech, Kenneth Fenech, u b'digriet tat-18 ta' Frar, 2010, Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nħatru bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Suor Anna Gauci, ilkoll bħala eredi ta' Maria Gauci; u b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2011, Suor Anna Gauci assumiet l-atti f'isimha proprju minflok il-Kuraturi Deputati li ġew nominati fit-18 ta' Frar, 2010;**

1. B’din il-kawża l-atturi Philip u Carmelo aħwa Gauci talbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti, werrieta u eżekutriċi testamentarja tal-mejta Maria Gauci, li mietet fit-13 ta’ Settembru 2002, ipoġġuhom fil-pussess tal-immobbli li qalu li wirtu bis-saħħa ta’ prelegat li ħalliet it-testatriċi, kuġina ta’ missierhom, liema immissjoni baqgħat ma saritx minħabba diverbju bejniethom dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-prelegat ieħor li l-istess Maria Gauci ħalliet lill-imħarrek Alfred Gauci.

2. B’sentenza mogħtija fil-15 ta’ Ġunju, 2017 [“is-sentenza appellata”] it-talbiet attriċi ntlaqgħu ħlief għall-fond bla numru u isem fl-Imtarfa fi Triq l-Imtarfa tal-kejl ta’ madwar 202.68m.k. li jikkonsistu f’remissa, żewġt ikmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitħa, u żewġ griebeġ li jintuzaw għat-trobbija tat-tiġieġ (talba 1(ii) tar-rikors maħluf). L-Ewwel Qorti kkonkludiet li dak il-fond hu parti mir-razzett imħolli bi prelegat lill-konvenut Alfred Gauci.

3. Il-konvenut Alfred Gauci appella għaliex isostni li r-razzett imħolli lilu jikkonsisti mhux biss fil-binja tar-razzett iżda wkoll l-art/raba’ tal-madwar, magħmul minn ħbula mtarrġa ta’ raba’ li jinsabu taħt ir-riħ tas-sies magħruf bħala “Ta’ Għajn Kellija” fl-Imtarfa, bil-kejl ta’ ċirka 3,675m.k.

4. L-atturi da parti tagħhom ipproponew appell inċidentali u nsistew li t-talbiet tar-rikors maħluf kellhom jintlaqgħu kollha, inkluż allura fir-rigward tal-fond fl-Imtarfa konsistenti f'remissa, żewġt ikmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitħa, u żewġ griebeġ li jintuzaw għat-trobbija tat-tiġieġ.

**Preliminari**

5. Il-fatti tal-każ, kif miġbura fil-qosor mill-Ewwel Qorti, huma dawn:

> *"... l-partijiet fil-kawża, għajr għall-imħarrka l-eżekutriċi testamentarja, huma lkoll werrieta ta' Maria Gauċi li mietet xebba fit-13 ta' Settembru, 2002;*
>
> *Illi l-wirt tat-testatriċi hu regolat b'żewġ testmenti: wieħed tal-ħdax (11) ta' Ġunju, 1993, u l-ieħor tas-sitta (6) ta' April, 199518, it-tnejn li huma fl-atti tan-Nutar Anthony Abela. Fl-ewwel testment, hija ħatret lill-Avukatessa, illum Maġistrat, Dottor Doreen Clarke, bħala ezekutriċi testamentarja tagħha. Fost oħrajn, it-testatriċi ħalliet (i) b'titolu ta' prelegat fi proprjeta' sħiħa lill-imħarrek Alfred Gauċi r-razzett li jmiss mal-kamra ta' ċertu Fredu imsejjaħ "Ta' Ġulin", fl-Imtarfa, limiti tar-Rabat Malta, bil-patt li Paolo Galea (neputi tagħha, bin oħtha Victoria) jitħalla jibqa' joqgħod fih bla kera sa mewtu, u (ii) bi prelegat favur l-istess Paolo Galea waħdu l-użu tar-raba' u tal-ilma fil-qasam imsejjaħ "Tad-Demus" fil-limiti tal-Imtarfa. Minbarra dan, hija ħalliet (iii) b'titolu ta' preleget ukoll lill-atturi bejniethom il-ġid immobbli kollu li kellha, tneħħi dak li dwaru ipprovdiet fiż-żewġ prelegati msemmija. B'werrieta universali tagħha t-testatriċi ħatret lil Paolo Galea, lil Alfred Gauċi, lill-atturi u lil ħuha Salvu Gauċi f'ishma ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni tad-dixxendenti tagħhom f'każ li xi ħadd mill-werrieta maħturin minnha jmut qabilha. Bit-tieni testment, hija bidlet il-ħatra tal-werrieta fis-sens li ħatret lil ulied ħuha Salvu (li sadattant kien miet) b'werrieta tagħha f'sehemu flimkien mal-werrieta l-oħrajn li kienet ħatret fl-ewwel testment. Minbarra dan, hija iddisponiet ukoll (iv) b'titolu ta' prelegat favur l-imsemmija wlied ħuha premort Salvu Gauċi u fi proprjeta' sħiħa "kull titolu li għandha li tirċievi ċ-ċens fuq l-art imsejħa 'Tal-Ispejjer' fil-limiti tal-Imtarfa, Rabat Malta li hu eżattament miktub 'sittax il-skud għal erbgħa darbiet fis-sena'";*

*Illi jirriżulta li t-testatriċi kienet toqgħod f'razzett magħruf bħala r-razzett "ta' Skonju" 21 fi Triq l-Imtarfa, fl-Imtarfa stess, u li jiġi ftit 'il bogħod mir-razzett li ħalliet lill-imħarrek Alfred Gauċi bi prelegat. Il-fond li kien jgħix fih Pawlu Galea (u li tħalla lill-imħarrek Alfred Gauċi bi prelegat) jikkonsisti f'residenza b'erbat ikmamar. L-atturi jgħidu li m'għandhomx pretensjoni fuq din il-binja. Meta l-Perit imqabbda mill-atturi aċċediet fuq il-fond u għamlet dikjarazzjoni tal-fond għall-finijiet tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis, hija nkludiet ukoll fl-istima art ta' madwar tliet mija u wieħed u sebgħin punt wieħed metri kwadri (371.1m$^2$) metri kwadri li fuqha hemm kamra rurali;*

*Illi fi kliem l-imħarrek Alfred Gauċi, il-fond kien aktar minn hekk, u jikkonsisti f'ħamest ikmamar, kamra oħra tmiss miegħu iżda bi dħul għaliha, u numru ta' kmamar oħra żgħar li jintuża għaż-żamma fih tal-bhejjem. Huwa jgħid li parti mill-fond hija wkoll biċċa raba' ta' madwar tlitt elef sitt mija u ħamsa u sebgħin metri kwadri (3,675 m$^2$) magħmul minn ħbula mtarrġa ta' raba' li jinsabu taħt ir-riħ tas-sies magħruf bħala "Ta' Għajn Kellija";*

*Illi jirriżulta wkoll illi fi Frar tal-1980, it-testatriċi, f'isimha u f'isem ħutha, kienet tat bi qbiela lill-imħarrek Alfred Gauċi tmint itmien (8T) raba' viċin ir-razzett tagħha magħrufa bħala "ta' Skonju". Skond l-istess ftehim, din il-qbiela kienet tiġi fit-tmiem tagħha mal-mewt tas-sidien tal-art, u l-imħarrek Alfred Gauċi kellu joħroġ mill-għelieqi f'għeluq dik is-sena, u jgħaddi l-għelieqi lura lill-werrieta taħt penali ta' tlitt elef Lira Maltin (Lm 3,000) jekk jonqos li jagħmel dan. It-testatriċi kienet l-aħħar, minn fost ħutha, li ġew nieqsa. Jirriżulta li l-imħarrek baqa' jżomm l-imsemmi raba' u qiegħed joffri l-qbiela lill-atturi u, minħabba li dawn irrifjutaw li jaċċettaw ħlas, qiegħed iqegħedha b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti;*

*Illi wara l-mewt tat-testatriċi, l-eżekutriċi testamentarja ħejjiet numru ta' laqgħat mal-werrieta għal skopijiet tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis, iżda baqa' ma ntlaħaqx qbil fuq x'kien jikkonsisti mir-razzett li fih kien jgħix Pawlu Galea. Kemm hu hekk, l-imħarrek Alfred Gauċi mexxa b'dikjarazzjoni causa mortis għal rasu f'Settembru tal-2005, u b'dan ma kienx għarraf minn qabel lill-eżekutriċi testamentarja mħarrka, li, min-naħa tagħha kienet qiegħda tlaqqa' lill-partijiet sewwasew biex tfassal id-dikjarazzjoni hi minħabba li kien dieħel iż-żmien. Billi, fil-fehma tagħha, l-imħarrek Alfred Gauċi kien qed jgħid li l-pussess tar-razzett kien f'idejh, l-eżekutriċi testamentarja ma kinetx tal-fehma li setgħet tqiegħed lill-atturi fil-pussess tal-prelegat li kienu qegħdin jippretendu. Fuq dak li l-partijiet ma kellhomx kwestjonijiet dwaru mill-wirt ta' Marija Gauċi, jiġifieri il-kumplament tal-ġid li kien jifforma parti mill-wirt tat-testatriċi, l-eżekutriċi testamentarja qassmet kollox bejniethom skond ir-rieda tat-testatriċi. Wara dan, l-atturi minn naħa l-oħra ressqu wkoll dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis għal rashom f'Novembru tal-2005 li għaliha għamlu oħra korrettorja f'Awwissu tal-2006;*

> *Illi fil-25 ta' Ottubru, 2005, l-atturi bagħtu protest ġudizzjarju lill-imħarrek Alfred Gauċi biex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fid-dikjarazzjoni causa mortis li kien għamel f'Settembru tal-2005 f'dak li jirrigwarda l-egħlieqi imħollija lilhom bi prelegat mit-testatriċi;*
>
> *Illi fit-22 ta' Jannar, 2007, l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lill-imħarrek Alfred Gauċi u lil martu Gracie, sabiex joħorġu mill-għelieqi mertu ta' din il-kawża".*

6. Fl-20 ta' Jannar 2010 infetħet din il-kawża fejn l-atturi jilmentaw illi ġid li tħalla lilhom bi prelegat mit-testatriċi Maria Gauci ma ġiex mgħoddi lilhom. Talbu għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, tikkundanna lill-konvenuti biex fi żmien qasir u perentorju jimmittuhom fil-pussess tal-prelegati spettanti lilhom u taħtar lin-Nutar Ritienne Bugeja Fenech sabiex tirċievi u tippubblika l-atti notarili opportuni biex tiġi reġistrata l-immissjoni fil-pussess u l-integrazzjoni fid-drittijiet kif mitluba, u kuratur sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi fid-data, ħin u jum stabbiliti mill-Qorti għall-pubblikazzjoni ta' dak l-att, bl-ispejjeż.

7. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Frar 2010[1], il-konvenut Alfred Gauci wieġeb li qatt ma oppona sabiex l-atturi jieħdu l-legati mħollija lilhom mit-testatriċi Maria Gauci, *purche* ssir interpretazzjoni korretta tal-assi mħollija permezz tal-istess eredità. Fir-rigward jikkontendi li t-testatriċi ħalliet għalqa bil-kejl superfiċjali ta' ċirka 3,675m.k. fl-Imtarfa, limiti tar-Rabat, lilu u mhux lill-atturi, u dan għaliex

[1] Fol. 34.

skontu dik l-għalqa tifforma parti mir-razzett li t-testatriċi ħallietlu bi prelegat.

8. L-imħarrkin Suor Olderica Gauci, Clementina Galea mart id-defunt Paul Galea u bħala eredi tal-istess Paul Galea, Marika Asciak, Sharon Borġ, Melvin Fenech u Kenneth Fenech, laqgħu għall-azzjoni attriċi b'risposta ppreżentata fit-22 ta' Frar 2010[2]. Preliminarjament, eċċepew li n-notifika tal-assenti Suor Anna Gauci ma kellhiex issir bil-ħatra ta' kuraturi deputati ladarba hija tgħix fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Fil-mertu, ċaħdu li huma l-leġittimi kontradittturi tal-azzjoni attriċi għaliex ladarba t-testatriċi ħatret eżekutriċi testamentarja, l-immissjoni fil-pussess tal-legati kienet xogħol l-istess eżekutriċi u mhux xogħolhom bħala werrieta. Jgħidu wkoll illi, sa fejn jirrigwardahom, diġà taw lill-atturi "immissjoni fil-pussess taċita" għaliex huma qatt ma opponew għat-talbiet attriċi u qatt ma ġew interpellati mill-atturi biex jitpoġġew fil-pussess tal-ġid imħolli lilhom permezz ta' prelegati.

9. Min-naħa tagħha, l-imħarrka Maġistrat, illum Imħallef, Doreen Clarke (bħala eżekutriċi testamentarja) laqgħet għall-azzjoni attriċi b'risposta ppreżentata fit-22 ta' Marzu 2010[3] fejn b'mod preliminari talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi, fit-termini tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 721(1) u 734(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-obbligu li l-

[2] Fol. 49 *et seq*.
[3] Fol. 129 *et seq*.

atturi jitpoġġew fil-pussess tal-legati jaqa' fuq il-werrieta u mhux fuq eżekutriċi testamentarja. Fil-mertu, wieġbet li hija dejjem għamlet ħilitha biex twassal lill-partijiet biex jagħlqu l-immissjoni fil-pussess mertu ta' din il-kawża, u li l-ġid kollu l-ieħor tal-wirt tqassam lil min jistħoqqlu.

10. Matul is-smigħ, l-imħarrka Suor Anna Gauci ġiet notifikata bl-atti tal-kawża u għamlet tagħha t-tweġiba maħlufa mressqa mill-imħarrkin Gauci, Galea u Fenech[4]. Dawn, min-naħa tagħhom, irtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom[5].

## Is-Sentenza Appellata

11. B'sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *"**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrka eżekutriċi testamentarja u ssib li ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi;*
>
> ***Tastjeni** milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin Gauċi, Galea, Fenech u Asciak ladarba irrinunzjaw għaliha;*
>
> ***Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-ġid tal-wirt li t-testatriċi Maria Gauci ħalliet bħala prelegat lill-atturi u li għaldaqstant għandhom jitqiegħdu fil-pussess tiegħu huwa (i) ir-razzett bla numru magħruf bħala "Ta' Skonju", Imtarfa, Triq l-Imtarfa bil-ġardina miegħu fil-kontrada magħrufa bħala "Ta' Għajn Kellija"; (ii) l-għalqa magħrufa bħala "Ta' Slampa" fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija", limiti ta' l-Imtarfa; (iii) l-għalqa fl-inħawi magħrufa "Is-Sandar" fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija", limiti tal-Imtarfa; u (iv) porzjon art diviza fil-limiti ta' l-Imtarfa tal-kejl ta' madwar 375.10 metri kwadri u tmiss mit-tramuntata u mill-lvant ma' ġid tal-*

---

[4] Fol. 294.

[5] Fol. 303.

*imħarrek Alfred Gauċi u mill-punent ma' ġid tal-mejta Maria Gauċi jew irjieħ oħra verjuri, u tordna lill-imħarrkin biex iqiegħdu lill-atturi fil-pussess tal-imsemmi ġid imħolli fl-imsemmi prelegat;*

***Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrkin, billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

***Tilqa' it-tieni talba attriċi** billi taħtar lin-Nutar Ritienne Buġeja Fenech biex tippubblika l-att nutarili relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegat imsemmi, fil-jum, ħin u post li l-Qorti għandha tordna wara talba li ssirilha għal daqshekk mill-istess nutar pubbliku wara li jkunu tħarsu l-proċeduri kollha mal-awtoritajiet kompetenti biex ikun jista' jsir l-imsemmi att u taħtar ukoll lill-avukat Dottor Benjamin Valenzia bħala kuratur biex jidher fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu; u*

***Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili relattiv jitħallsu mill-imħarrkin, ħlief għal dawk relattivi għall-imħarrka eżekutriċi testamentarja li jitħallsu mill-atturi li jridu provviżorjament iħallsu wkoll id-drittijiet tal-kuratur tal-kontumaċi maħtur b'din is-sentenza".*

12. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu s-segwenti:

*"Illi minn dawn il-kontestazzjonijiet, joħroġ ċar li l-qofol tal-kwestjoni li tħabbat lill-partijiet iddur fuq it-tifsira li għandha tingħata lill-prelegat partikolari li tħalla mit-testatriċi lill-imħarrek Alfred Gauċi. Filwaqt illi l-atturi jgħidu li t-testatriċi ħallietlu biss razzett, l-imħarrek Alfred Gauċi jgħid li hu wiret kemm ir-razzett kif ukoll numru ta' għelieqi fil-madwar tiegħu. Minn naħa l-oħra, l-eżekutriċi testamentarja tisħaq li hija qassmet dak kollu mill-ġid tal-wirt li ma kienx hemm tilwim fuqu, iżda tgħid li ma setgħetx tgħaddi biex tqiegħed fil-pussess lill-atturi fil-kumplament tal-ġid li wirtu billi ma kienx hemm qbil dwaru min-naħa tal-werrieta, l-aktar mill-imħarrek Alfred Gauċi;*

*...*

*Illi matul is-smigħ ta' din il-kawża, l-imħarrek Alfred Gauċi seħaq li l-pretensjonijiet tiegħu huma fir-rigward tar-raba' madwar ir-razzett imħolli lilu b'legat, u qal li ma kellu ebda pretensjoni fuq il-ġid l-ieħor li fir-Rikors Maħluf l-atturi jgħidu li huwa tagħhom bis-saħħa tal-prelegati mħollijin lilhom;*

*Illi bħala kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, għandu jingħad minnufih li din l-azzjoni hija fil-fatt limitata għal tifsira jew dikjarazzjoni ta' x'kien jikkonsisti mir-razzett li jmiss mal-kamra ta' ċertu Fredu msejjaħ "Ta' Ġulin" fl-Imtarfa, li tħalla bħala legat lill-imħarrek Alfred Gauċi, jiġifieri jekk ir-razzett jinkludix miegħu wkoll ir-raba' li hemm fil-madwar magħruf bħala "Ta' Kellija". Dan jingħad għaliex, sa mill-bidu*

*tal-kawża, l-imħarrkin stqarrew li ma kienu jridu jċaħħdu lill-atturi bl-ebda mod mil-legati mħollijin lilhom, filwaqt li r-riżerva waħdanija tal-imħarrek Alfred Gauċi kienet marbuta mad-determinazzjoni ta' x'kellu jitqies bil-legat imħolli lilu fit-testment ta' Marija Gauċi;*

*Illi fir-Rikors promotur tagħhom l-atturi jitolbu li jitqiegħdu fil-pussess tal-legati konsistenti f'ħames (5) immobbli li kollu jinsab fl-Imtarfa, fil-limiti tar-Rabat, Malta, u mfissra hekk: (a) razzett bil-ġardina miegħu, mingħajr numru imma msejjaħ "Ta' Skonju", fil-kontrada magħrufa bħala "Ta' Għajn Kellija", tal-kejl ta' madwar elfejn erba' mija u ħamsa punt sitta disgħa metri kwadri (2,405.69 m$^2$) (minn issa 'l hemm imsejjaħ "ir-**Razzett ta' Skonju**"); (b) fond magħmul minn remissa, żewġt ikmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitħa u żewġt igriebeġ li jintużaw għat-trobbija tat-tiġieġ, ilkoll tal-kejl ta' madwar mitejn u tnejn punt sitta tmienja metri kwadri (202.68 m$^2$) li jmiss min-nofsinhar u l-punent mal-ġid li sejjer jissemma minnufih (minn issa 'l hemm imsejjaħ "**il-Fond fl-Imtarfa**"; (ċ) għalqa magħrufa bħala "Tas-Slampa" jew "Tad-Demus", fil-kontrada magħrufa bħala "Ta' Għajn Kellija", tal-kejl ta' madwar għaxart elef tliet mija u erbgħa u għoxrin punt żero sebgħa metri kwadri (10,324.07 m$^2$), li fiha hemm kamra rurali b'bitħa li tagħti għal ġo għar, kamra rurali oħra u għajn komuni, kif suġġetta għal mogħdija li tagħti aċċess għal raba' ieħor min-naħa tal-lvant, mnejn f'biċċa minnha din l-għalqa tmiss mal-Fond fl-Imtarfa (minn issa 'l hemm imsejħa "**l-Għalqa tas-Slampa**"); (d) għalqa magħrufa bħala "Is-Sandar" fil-kontrada magħrufa bħala "Ta' Għajn Kellija", tal-kejl ta' madwar tlitt elef mija u erbgħa u sittin punt sebgħa ħamsa metri kwadri (3,164.75 m$^2$) li wieħed jidħol għaliha mill-mogħdija li tibda mill-Għalqa tas-Slampa (minn issa 'l hemm imsejħa "**l-Għalqa tas-Sandar**"); u (e) biċċa art maqsuma u fil-biċċa l-kbira tagħha b'wiċċ bil-blat tal-kejl ta' madwar tliet mija u ħamsa u sebgħin punt wieħed metri kwadri (375.1 m$^2$) li fuqha hemm kamra rurali bla numru u bla isem li wieħed jidħol għaliha minn mogħdija min-nofsinhar (minn issa 'l hemm imsejħa "**l-Għalqa tal-Blat**");*

*Illi l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili, meqjus il-fatt li l-atturi huma wkoll werrieta ta' Marija Gauċi. Fil-każ tagħhom, għalhekk, il-prelegat tal-bosta ġid immobbli mħolli lilhom jagħmilhom daqslikieku legatarji. L-istess ħaġa tista` tingħad dwar l-imħarrek Alfred Gauċi li wkoll, fl-ewwel miż-żewġ testmenti ta' Marija Gauċi, tħalla prelegat ta' razzett li fih kien jgħammar Pawlu Galea (l-awtur ta' wħud mill-imħarrkin l-oħrajn);*

*Illi jidher sewwa mill-atti li l-kwestjoni li nħalqet iddur madwar it-tifsira tal-(pre-)legat imħolli lill-imħarrek Alfred Gauċi. Il-klawsola tat-testment rilevanti għal tali prelegat tgħid "It-testatriċi tħalli b'titolu ta' prelegat in piena proprieta' lil Alfred Gauċi, li jiġi iben il-kuġin tat-testatriċi Paolo Gauċi u Maria Rosa nee' Caruana, ir-razzett, li jmiss mal-kmamar ta' ċertu Fredu msejjaħ Ta' Ġulin, f'Imtarfa, limiti tar-Rabat, Malta, pero' bil-patt li Paolo Galea, bin oħt it-testatriċi Victoria, jibqa' joqgħod fih bla kera sa mewtu". Min-naħa l-oħra, il-klawsola tat-testment li taħlaq il-*

*prelegat favur l-atturi tgħid: "It-testatriċi tħalli l-proprjeta' immobbli kollha li jkollha, salv dak fuq ċitat fit-Tielet Artikolu aktar il fuq, u kif limitat bir-Raba Artikolu aktar il fuq, b'titolu ta' prelegat in piena proprieta lil Philip u Carmelo aħwa Gauċi, ulied il-kuġin tat-testatriċi, Paolo Gauċi u Marianna nee' Galea";*

*Illi bħala prinċipju, fejn il-kliem f'dispożizzjoni testamentarja jkun ċar u ma jħallix dubju dwar is-sens tagħha, dak il-kliem għandu jitwettaq bħala t-tifsira tar-rieda tat-testatur u jekk tinħalaq il-ħtieġa li titfisser ir-rieda tat-testatur, din għandha ssir mid-dispożizzjonijiet tat-testment innifsu u mhux minn xi interpretazzjoni jew stħajjil 'il barra minnu permezz ta' fehmiet ta' xhieda jew ċirkostanzi bħal dawn. Bħala regola, it-tifsira li jmissha tingħata lill-kliem tat-testment għandha tkun dik litterali; u safejn ma jinħalaqx il-bżonn li jkun iċċarat xi kliem ambigwu ma għandux isir tfettiq dwar x'setgħet kienet il-fehma tat-testatur b'dak il-kliem;*

*Illi biex wieħed jistabilixxi l-estensjoni ta' legat, għandu jsegwi l-prinċipju li r-rieda tat-testatur tinstilet mid-diversi dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu, u f'każ li jinqala' dubju dwar jekk legat imissux jitqies jew ikun imwarrab, id-dubju jmur favur il-legatarju. Madankollu, meta l-kwestjoni tkun dwar l-estensjoni jew il-kwantita' ta' legat, it-tifsira għandha tkun favur il-werriet;*

*Illi bħalma qegħdin jagħmlu l-atturi f'din il-kawża, meta jitħalla (pre-)legat, il-(pre-)legatarju jrid jitlob lill-werriet iqiegħdu fil-pussess legali tal-ħaġa mħollija b'legat ukoll jekk huwa jkun diġa' fil-pussess fiżiku tal-ħaġa hekk imħollija u wkoll ikun saħansitra werriet huwa wkoll. Bil-liġi, il-legat pur u sempliċi (jiġifieri mingħajr kundizzjoni) jagħti lil-legatarju sa mill-waqt tal-mewt tat-testatur il-jedd li jirċievi l-ħaġa mħollija b'legat, li, għalkemm issir ġid tal-legatarju, tkun għadha fil-pussess tal-werriet u sadakittant il-legatarju jixxiebah ma' 'kreditur' tal-wirt. Minħabba f'hekk huwa dejjem għaqli li l-legatarju jitlob li jitqiegħed fil-pussess tal-legat, biex b'hekk il-jeddijiet tiegħu fuq il-ħaġa mħollija jkunu sħaħ u fejn hemm aktar minn werriet wieħed it-tqegħid tal-legatarju fil-pussess tal-legat trid issir minn kull wieħed minnhom;*

*Illi l-immissjoni fil-pussess ta' ħaġa mħollija b'legat tista' tingħata kemm espressament u kif ukoll b'mod taċitu meta l-legatarju jieħu l-pussess tal-ħaġa u l-werriet ma jqajjimx oppożizzjoni għal tali fatt. Fejn il-legat ikun ġid immobbli jew jeddijiet marbutin ma' ġid immobbli, l-immissjoni fil-pussess tista' tieħu s-sura ta' att formali ta' kuntratt pubbliku;*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ħareġ li t-testatriċi kienet xebba u mietet l-aħħar waħda minn fost ħutha. Dan ifisser li hija kienet qiegħda tiddisponi mill-ġid kollu li kien inġema' fost l-aħwa u ma kenitx marbuta lil min tagħżel bħala l-benefiċjarji tal-wirt tagħha. Hekk jidher li hija għamlet arranġamenti partikolari dwar il-ġid tagħha, fejn fit-testment jiddomina il-ħolqien ta' bosta prelegati. Kif issemma aktar qabel, tibda l-ewwel b'żewġ prelegati, wieħed imħolli lil Paolo Galea, bin oħt it-*

*testatriċi, tad-dritt ta' użu esklussiv tar-raba' u ilma, imsejħa "Tad-Demus" fil-limiti tal-Imtarfa, Rabat, Malta. It-tieni wieħed imħolli lill-imħarrkin aħwa Gauċi ulied ħuha Salvatore, li jikkonsisti fil-jedd li t-testatriċi kellha li tirċievi ċens u kull dritt li ieħor fuq l-art magħrufa bħala "tal-Ispejjer" fl-Imtarfa, limiti tar-Rabat, Malta. Dawn iż-żewġ prelegati mhumiex mertu tal-ġid li l-atturi qegħdin jitolbu li jingħataw il-pussess tagħhom f'din il-kawża, u għaldaqstant il-Qorti mhix ser tistħarreġ dwarhom;*

*Illi minn dak li ssemma aktar qabel, jidher li mill-ġid kollu li l-atturi jridu jingħataw il-pussess tiegħu f'din il-kawża, l-imħarrkin ma jikkontestawx il-jedd u l-ġid imsemmi. Huwa l-imħarrek Alfred Gauċi waħdu li jressaq pretensjonijiet dwar it-tifsira tal-legat tar-razzett imħolli lilu, liema pretensjonijiet jirkbu fuq uħud mill-ġid immobbli mitlub mill-atturi fl-ewwel talba tagħhom. Imbagħad hemm iċ-ċirkostanza fejn, minħabba l-imsemmija pretensjonijiet, l-atturi xorta waħda baqgħu ma tqegħdux fil-pussess tal-ġid legatarju li l-ebda kwestjoni ma hemm dwaru;*

*Illi dwar il-ġid immobbli mħolli b'titolu ta' prelegat lill-imħarrek Alfred Gauċi, jiġifieri r-razzett li jmiss mal-kamra ta' ċertu Fredu imsejjaħ "Ta' Ġulin", fl-Imtarfa, fil-limiti tar-Rabat, Malta, il-Qorti għandha quddiemha erba' verżjonijiet: l-ewwel waħda hi dik tal-atturi li, fil-fehma tagħhom, ir-razzett huwa limitat għal dak muri bil-kulur aħdar fuq il-pjanta annessa minnhom mad-dikjarazzjoni tat-trasferiment causa mortis. Kemm hu hekk, b'verbal magħmul waqt seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fil-15 ta' Novembru, 2011, huma jiddikjaraw li m'għandhom ebda pretensjoni fuqu. It-tieni verżjoni hija dik tal-imħarrek Alfred Gauci li, fil-fehma tiegħu, ir-razzett jiġbor fih kemm il-binja tar-razzett innifsu fejn kien jgħix Pawlu Galea, u kif ukoll il-kamra ta' maġenbu, il-kmamar imsejħa 'griebeġ' ftit lil hemm minn mar-residenza tal-istess Galea, u madwar 3238.408 metri kwadri ta' art qrib l-istess residenza li l-imħarrek jgħid li ilu jaħdimha għal numru ta' snin u kellu qbiela fuqha. It-tielet verżjoni hija dik tal-imħarrka eżekutriċi testamentarja li minn dak li rat b'għajnejha fuq is-sit, waslet għall-fehma li kien jikkonsisti fir-razzett u biċċa art wara r-razzett iżda mhux tal-kobor li qed jippretendi l-imħarrek Alfred Gauci. Fl-aħħarnett ir-raba' verżjoni hija d-dikjarazzjoni mħejjija mill-Perit Carmen Sutton fuq talba tal-atturi lura f'Ġunju 2006, li kienet tikkonsisti f'fond madwar 465.52 metri kwadru u jikkonsisti f'art ta' madwar 375.10 metri kwadri li fuqha hemm kamra rurali, u erbat ikmamar ta' madwar 90.42 metri kwadri li jintużaw bħala r-residenza minn Pawlu Galea;*

*Illi l-Qorti setgħet tara (u tintwera) l-ġid milqut mill-kawża u mill-kwestjoni ta' bejn il-partijiet meta aċċediet fuq il-post. Wara li qieset l-erba' verżjonijiet imsemmija u qabblithom mal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u l-kunsiderazzjonijiet legali li ssemmew qabel, waslet għall-fehma illi r-razzett imħolli b'legat lill-imħarrek Alfred Gauċi jikkonsisti fil-biċċa art li fiha tinstab ir-residenza ta' Pawlu Galea, il-kmamar li fihom jinzammu il-bhejjem, il-kamra li bin l-imħarrek Alfred Gauci, Pawlu, jsejħilha "tal-bagħala", u l-kamra fejn kienu jinżammu l-mogħoż.*

*F'kelma waħda din l-art tikkonsisti f'madwar ħames mija u tlieta u sebgħin punt sebgħa sebgħa tnejn metri kwadri (573.772 m$^2$). Il-Qorti waslet għal din il-fehma wara li qieset tliet fatturi ewlenin: fl-ewwel lok, li t-testatriċi kienet midħla ta' dawn l-inħawi, u għaldaqstant kienet taf sewwa li Pawlu Galea, minbarra r-residenza tiegħu kien jagħmel ukoll użu mill-kmamar l-oħra imsemmija aktar 'il fuq, u l-art li twassal għalihom. Fit-tieni lok, il-fatt li r-raba' li l-imħarrek Alfred Gauċi qed jippretendi li għandu jedd fuqu u li fil-fehma tiegħu jifforma parti mir-razzett imħolli lilu bi prelegat kien ingħata lilu b'kitba privata bi qbiela u li din il-qbiela fil-fatt kellha tintemm mal-mewt tal-aħħar minn fost is-sidien (f'dan il-każ, mal-mewt tat-testatriċi Marija Gauċi). Billi t-testatriċi kienet l-aħħar minn ħutha li ġiet nieqsa, l-obbligu li l-imħarrek Alfred Gauċi jgħaddi r-raba' lura lill-werrieta tas-sidien waqa' fuqu f'għeluq is-sena mill-mewt tagħha. Billi f'dan il-każ, il-ġid imsemmi jifforma parti mill-prelegat imħolli lill-atturi, jiġi jagħmel parti mill-ġid li l-imsemmi mħarrek ried iroddilhom lura. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li huwa sintomatiku li l-istess imħarrek qiegħed jiddepożita b'ċedoli fil-Qorti l-qbiela tal-imsemmija raba' kontra l-atturi. Fit-tielet lok, il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija mill-eżekutriċi testamentarja meta qalet li tul kemm damet tassisti lill-partijiet biex iħejju d-dikjarazzjoni tat-trasferiment causa mortis, minn darba għall-oħra, l-imħarrek Alfred Gauci kien ibiddel jew iżid il-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward ta' dak li hu kien qed jifhem bħala li jikkonsisti l-prelegat li ġie mħolli lilu mit-testatriċi;*

*Illi l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrek fin-Nota tiegħu dwar x'kienet il-fehma tat-testatriċi meta ħallietlu l-prelegat tal-imsemmi razzett. Dik is-sottomissjoni tmur kontra l-prinċipji msemmijin qabel dwar it-tifsir li jmissu jingħata lid-dispożizzjonijiet testamentarji rilevanti, minbarra li tidher li lanqas l-istess imħarrek ma jħossu marbut biha bil-mod kif, minn żmien għal żmien, fisser x'kien jippretendi li tħallielu b'dak il-legat;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li, il-ġid immobbli kollu li tħalla mit-testatriċi b'titolu ta' prelegat lill-atturi jikkonsisti fl-immobbli kollha msemmija mill-atturi fl-ewwel talba tagħhom, ħlief għall-Fond fl-Imtarfa imsemmi taħt it-tieni paragrafu (ii) li jikkonsisti f'fond bla numru u isem fl-Imtarfa fi Triq l-Imtarfa li jikkonsisti f'remissa, żewġt ikmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitħa, u żewġ ġriebeġ li jintuzaw għat-trobbija tat-tiġieġ tal-kejl ta' madwar mitejn u tnejn punt sitta tmienja metri kwadri (202.68 m.k.), dan billi fil-fehma tal-Qorti, dan il-fond jifforma parti mir-razzett imħolli b'legat lill-imħarrek Alfred Gauċi għar-raġunijiet fuq imtennija. Il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel talba attriċi kif hekk limitata, billi qieset ukoll li l-imħarrkin ma ressqu ebda pretensjoni fir-rigward tal-kumplament tal-artijiet imsemmija mill-atturi fit-talbiet tagħhom;*

*Illi l-Qorti jifdlilha tqis* ***l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-imħarrka eżekutriċi testamentarja*** *li biha titlob li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju ladarba mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet*

*attriċi. L-eċċezzjoni hija bbażata fuq id-dispożizzjoni tal-artikoli 721(1) u 734(1) tal-Kodiċi Ċivili;*

*Illi fis-sottomissjonijiet tagħha, l-imħarrka eżekutriċi testamentarja tgħid li l-liġi hija ċara li l-azzjoni tal-atturi hija maħsuba li ssir kontra min ikun werriet u hija ma kenitx fost il-werrieta, imma biss eżekutriċi tar-rieda tat-testatriċi. Tgħid li hija ma kellha tagħmel xejn biex l-atturi jitqiegħdu fil-pussess tal-prelegat imħolli lilhom u lanqas kellha s-setgħa li timponi fuq l-imħarrkin jekk dawn setgħu kellhom nuqqas ta' qbil mal-atturi dwar l-estent tal-ġid imħolli lilhom fil-prelegat;*

*Illi huwa sewwasew minħabba li l-eżekutur testamentarju huwa fid-dmir li jwettaq ix-xewqat magħmula minn testatur fit-testment, li jista' jkun ħaġa essenzjali li biċċa mit-twettiq tal-ħatra jkun jgħodd fih l-immissjoni fil-pussess tal-(pre-)legati mħollija mit-testatur;*

*Illi madankollu, minħabba li huwa meqjus li l-eżekutur testamentarju huwa l-mandatarju tal-wirt (u għalhekk tal-werrieta) wieħed irid jara jekk eżekutur testamentarju jistax ikun parti f'kawża fejn il-mandanti jkunu jinsabu f'Malta. F'kull każ, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, filwaqt li għall-finijiet tal-mansjonijiet li eżekutur testamentarju jista' jkun mistenni jwettaq matul il-ħatra tiegħu, jista' jagħti l-każ li tali eżekutur jidher fuq att biex iqiegħed legatarju fil-pussess ta' legat imħolli lilu, fil-każ fejn tqum kwestjoni bejn il-werrieta u l-legatarju li tispiċċa f'kawża quddiem qorti, jidher li l-ġudizzju jkun sħiħ bil-preżenza fil-kawża tal-werrieta u mhux tal-eżekutur;*

*Illi għalhekk, fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni hija tajba u sejra tilqagħha;*

*Illi għall-istess raġunijiet il-Qorti sejra tiċħad it-**tieni eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrkin Suor Olderica Gauċi, Clemantina Galea, Marika Asciak, Sharon Borġ, Melvin u Kenneth Fenech (u magħhom ingħaqdet Suor Anna Gauċi) meta jgħidu li ma humiex il-kontradittluri leġittimi tal-azzjoni attriċi. F'azzjoni bħalma hija din, l-imsemmija mħarrkin bħala werrieta huma lkoll passivament leġittimati biex iwettqu t-talba li qegħdin jagħmlu l-atturi;*

*Illi l-fatt li huma ma opponewx il-pussess materjali tal-ġid imħolli bi prelegat lill-atturi ma jfissirx li huma tawhom l-immissjoni li l-atturi qegħdin jitolbu u lanqas jista' jingħad li l-azzjoni attriċi fil-konfront ta' dawn l-imħarrkin tressqet qabel waqtha;*

*Illi minħabba f'hekk, l-anqas it-**tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** fil-mertu tal-imsemmija mħarrkin ma huma mistħoqqa u mhumiex sejrin jintlaqgħu;*

*Illi mill-bqija, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li tilqa' (ukoll jekk b'xi bidliet) l-ewwel talba attriċi, trid tilqa' wkoll it-**tieni talba attriċi***

> *minħabba li hija konsegwenzjali għall-ewwel talba u wkoll minħabba li l-ġid imħolli fil-prelegat mertu tal-kawża huwa ġid immobbli".*

**L-Appell Prinċipali**

13. Il-konvenut Alfred Gauci appella mis-sentenza b'rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2017. Jilmenta illi l-Qorti tal-ewwel grad interpretat ħażin il-prelegat imħolli lilu mit-testatriċi. Jinsisti li l-interpretazzjoni korretta ta' dak il-prelegat hija li t-testatriċi ħallietlu mhux biss ir-razzett bħala bini konsistenti f'erba' kmamar kollox iżda r-razzett bħala entità agrikola li tinkludi l-għalqa li huwa jaħdem u li hija parti intrinsika, integrali u essenzjali ta' dak ir-razzett. Jgħid li t-testatriċi kienet persuna li trabbiet u għexet fir-raba' u allura bil-kelma '*razzett'* żgur kienet qed tirreferi għar-razzett bħala entità agrikola, bir-raba' miegħu u mhux sempliċi residenza fil-kampanja. Jgħid li din l-interpretazzjoni hija wkoll sostnuta b'analoġija mal-enormità ta' ġid u beni mħollija lill-partijiet l-oħra. Dan għaliex it-testatriċi kellha tlitt irziezet – wieħed ħallietu lilu, ieħor (ta' Skonju') lill-atturi, u l-ieħor ('tal-Ispejjer') lil ulied Salvatore Gauci – li kollha kienu jikkonsistu fi tliet elementi, ossia, il-parti residenzjali, il-parti fejn jitrabbew il-bhejjem, u r-raba'. Ukoll, fit-testment it-testatriċi ma ssemmix li r-razzett imħolli lilu jmiss ma' raba' ta' terz / imħolli lil terz jew li m'għandux jitqies bħala parti mir-razzett. Apparti dan, jgħid li huwa wkoll kien werriet tad-defunta u għalhekk, id-dubju dwar l-estensjoni u l-kwantità tal-prelegat imħolli lilu ma kellux jiġi interpretat kontrih.

14. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

*"tvarja u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ġunju 2017, fl-ismijiet il-fuq premessi billi:*

*i. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn:*

*i.i. Laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka eżekutriċi testamentarja u sabet li ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi;*

*i.ii. Astjeniet milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin Gauci, Galea, Fenech u Asciak ladarba rrinunzjaw għaliha;*

*i.iii. Laqgħat it-tieni talba attriċi billi ħatret lin-Nutar Ritianne Buġeja Fenech biex tippubblika l-att nutarili relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegat imsemmi, fil-jum, ħin u post li l-Qorti għandha tordna wara talba li ssirilha għal daqshekk mill-istess nutar pubbliku wara li jkunu tħarsu l-proċeduri kollha mal-awtoritajiet kompetenti biex ikun jista' jsir l-imsemmi att u ħatret ukoll lill-avukat Dottor Benjamin Valenzia bħala kuratur biex jidher fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu; u*

*ii. Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-ewwel talba attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-esponent, u dan billi sabet li l-ġid tal-wirt li t-testatriċi Maria Gauci ħalliet bħala prelegat lill-atturi, u li għaldaqstant għandhom jitqiegħdu fil-pussess tiegħu, huwa dak kif delineat fis-sentenza appellata b'dan li għalhekk hija ordnat lill-imħarrkin biex iqiegħdu lill-atturi fil-pussess tal-imsemmi ġid imħolli fl-imsemmi prelegat;*

*iii. Tirriforma s-sentenza appellata billi:*

*iii.i. Tiċħad it-talbiet attriċi nkwantu dawn huma inkonsistenti mal-eċċezzjoni tal-esponent;*

*iii.ii. Tilqa' l-eċċezzjoni tal-esponent u tgħaddi sabiex ssib li l-prelegat mħolli lill-esponent jikkonsisti f'ħamest ikmamar, kamra oħra tmiss miegħu iżda bi dħul għaliha, u numru ta' kmamar oħra żgħar li jintuża għaż-żamma fih tal-bhejjem, kif ukoll biċċa raba' ta' madwar tlitt elef sitt mija u ħamsa u sebgħin metri kwadri (3,675m.k.) magħmul minn ħbula mtarrġa ta' raba' li jinsabu taħt ir-riħ tas-sies magħruf bħala "Ta' Għajn Kellija";*

*iv. Tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-ispejjeż tal-kawża magħduda dawk marbuta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt*

> *nutarili relattiv jitħallsu mill-imħarrkin u minflok tordna li tali spejjeż għandu jiġu mħallsa mill-atturi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-ispejjeż relattivi għall-imħarrka eżekutriċi testamentarja għandhom jitħallsu mill-atturi li jridu proviżorjament iħallsu wkoll id-drittijiet tal-kuratur tal-kontumaċi.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati".*

15. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fl-24 ta' Lulju 2017 l-atturi wieġbu li: (i) ir-razzett imħolli lill-appellant huwa identifikat fit-testment, filwaqt li lilhom tħalla r-rimanenti u li fuq l-art tal-Ispejjer wirtu biss dritt jirċievu ċ-ċens; (ii) it-testatriċi trabbiet fl-ambjenti mertu tat-testment u għalhekk kienet taf fiex jikkonsitu u fissret sew x'kellu jsir minnhom; (iii) il-pretensjoni oriġinali tal-konvenut Gauci kienet biss għal biċċa art żgħira li kienet tagħmel mar-razzett; (iv) parti mill-għalqa Ta' Slampa ngħatat lill-konvenut Grech bi qbiela mill-istess testatriċi u ħutha filwaqt li l-parti l-oħra kienet għadha tinħadem mit-testatriċi u Pawlu Gauci; (iv) ir-raba' 'Ta' Slampa' qiegħda f'diżlivell mill-kumplament tal-proprjetà l-oħra; (v) il-linja ta' demarkazzjoni li skont il-konvenut appellant jaqsam l-għalqa 'Ta' Slampa' ma tirriżulta minn ebda prova iżda biss minn pjanta redatta fuq struzzjonijiet tiegħu. Jgħidu li għalhekk l-appell tal-konvenut Grech għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.

**L-Appell Inċidentali**

16. Flimkien mat-tweġiba tagħhom, l-atturi appellati ppreżentaw appell inċidentali fejn jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-

Ewwel Qorti, meta laqgħet l-ewwel talba tagħhom, eskludiet il-fond imsejjaħ il-'Fond fl-Imtarfa' u ddeċidiet li dana huwa kompriż mal-legat tar-razzett imħolli lill-konvenut Gauci. Isostnu li l-ambjenti formanti l-'Fond fl-Imtarfa' (remissa, żewġ kmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitħa u żewġ griebeġ li jintużaw għat-trobbija tat-tiġieġ) jinsabu aktar minn mitt pied 'il bogħod mir-razzett u mifrud mir-razzett bir-raba'. Iżidu jgħidu wkoll li x'aktarx, fiż-żmien li sar it-testment, Pawlu Gauci ma kienx għadu jużahom.

17. Talbu għalhekk lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

> *"(1) **Tikkonferma**, fejn, laqgħat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka eżekutriċi testamentarja u sabet li ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi;*
>
> *(2) **Tikkonferma** fejn, astjeniet milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin Gauci, Galea, Fenech u Asciak ladarba rrinunzjaw għaliha;*
>
> *(3) **Tirriforma** fejn laqgħat in parti l-ewwel talba attriċi **fis-sens li tilqagħha kollha** billi ssib li l-ġid tal-wirt li t-testatriċi Maria Gauci ħalliet bħala prelegat lill-atturi u li għaldaqstant għandhom jitqiegħdu fil-pussess tiegħu huwa (i) ir-razzett bla numru magħruf bħala "Ta' Skonju", Imtarfa, Triq l-Imtarfa bil-ġardina miegħu fil-kontrada magħrufa bħala "Ta' Għajn Kellija"; (ii) l-għalqa magħrufa bħala "Ta' Slampa" fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija", limiti ta' l-Imtarfa; (iii) l-għalqa fl-inħawi magħrufa "Is-Sandar" fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija", limiti tal-Imtarfa; u (iv) porzjon art diviza fil-limiti ta' l-Imtarfa tal-kejl ta' madwar 375.10 metri kwadri u tmiss mit-tramuntata u mill-lvant ma' ġid tal-imħarrek Alfred Gauċi u mill-punent ma' ġid tal-mejta Maria Gauċi jew irjieħ oħra verjuri, il-fond bla numru uffiċjali u bla isem fl-Imtarfa, fi Triq l-Imtarfa, u dana ukoll fil-kontrada ta' Għajn Kellija u (v) **Fond li jikkonsisti f'remissa, żewġ kmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitha u żewġ griebeġ li jintunżaw għat-trobbija tat-tiġieġ ta' kejl ta' ċirka mitejn u tnejn punt sitta tmienja metri kwadri (202.68m.k.). L-imsemmi fond huwa konfinanti mill-Lvant u mill-Grigal mal-imsemmija triq, u minn nofsinhar u mill-punent ma' għalqa ta' Slampa jew Tad-Demus jew irjieħ oħra verjuri, liberu u frank u bid-***

> ***drittijiet u ġustijiet tiegħu kollha** u tordna lill-imħarrkin biex iqiegħdu lill-atturi fil-pussess tal-imsemmi ġid imħolli fl-imsemmi prelegat;*
>
> *(4) **Tikkonferma** fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrkin, billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *(5) **Tikkonferma** fejn laqgħet it-tieni talba attriċi billi ħatret lin-Nutar Ritienne Buġeja Fenech biex tippubblika l-att nutarili relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegat imsemmi, fil-jum, ħin u post li l-Qorti għandha tordna wara talba li ssirilha għal daqsehkk mill-istess nutar pubbliku wara li jkunu tħarsu l-proċeduri kollha mal-awtoritajiet kompetenti biex ikun jista' jsir l-imsemmi att u taħtar ukoll lill-avukat Dottor Benjamin Valenzia bħala kuratur biex jidher fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu jersqu; u*
>
> *(6) **Tikkonferma** fejn ordnat li l-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk marbuta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili relattiv jitħallsu mill-imħarrkin, ħlief għal dawk relattivi għall-imħarrka eżekutriċi testamentarja li jitħallsu mill-atturi li kif wkoll id-drittijiet tal-kuratur tal-kontumaċi maħtur b'din is-sentenza".*

18. B'risposta ppreżentata fil-21 ta' Awwissu 2017 il-konvenut Gauci wieġeb li l-appell inċidentali tal-atturi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**<u>Trasfużjoni tal-ġudizzju</u>**

19. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2023 Dorianne Gauci u Rose Bonello, tnejn minn ħames ulied il-konvenut Alfred Gauci, għarrfu lill-Qorti li l-imsemmi missierhom miet fit-3 ta' Settembru 2022 u b'testment tas-7 ta' April 2021, filwaqt li rrevoka kull testment preċedenti tiegħu, ħatar bħala werrieta universali tiegħu lill-ħames uliedu. Ħuthom l-oħra madankollu għadhom m'esprimewx ruħhom dwar l-aċċettazzjoni *o meno* tal-wirt u f'kull każ, sa fejn jafu huma, il-proprjetà mertu tal-kawża

tħalliet lilhom permezz ta' prelegat. Talbu għalhekk li l-atti jiġu leġittimati billi l-ġudizzju f'isem missierhom Alfred Gauci jiġi trasfuż f'isimhom.

20. B'digriet mogħti fl-istess jum il-Qorti ordnat in-notifika tad-difensur tal-partijiet l-oħra b'erbat ijiem għar-risposta.

21. Peress li l-avukat tal-atturi kien notifikat fl-4 ta' Diċembru 2023 u baqgħet ma tressqet ebda tweġiba, il-Qorti tilqa' t-talba u tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem uliedu Dorianne Gauci u Rose Bonello minflok Alfred Gauci.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

22. Din il-Qorti kemm-il darba tenniet illi:

> *"Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."*[6]

[6] Ara fost ħafna sentenzi oħra s-sentenza fl-ismijiet *L-Agent Direttur tal-Ufficcju Kongunt v. Vellul Limited (C 9828) et*, deċiża minn din il-Qorti diversament komposta fit-12 ta' Jannar 2021.

23. F'dan il-kuntest, sejra tqis l-aggravji tal-konvenut Gauci u tal-atturi fil-mertu sħiħ tagħhom.

24. Fil-qosor, il-fatti prinċipali huma dawn:

24.1. L-atturi huma t-tfal tal-kuġin ta' ċertu Maria Gauci li mietet xebba u bla tfal fit-13 ta' Settembru 2002;

24.2. B'żewġ testmenti[7], wieħed fil-11 ta' Ġunju 1993 u ieħor fis-6 ta' April 1995, l-imsemmija Maria Gauci *inter alia* ħalliet:

i. prelegat *in piena* proprjetà lill-konvenut Alfred Gauci konsistenti '*ir-razzett, li jmiss mal-kmamar ta' ċertu Fredu msejjaħ ta' Ġulin, fl-Imtarfa limiti tar-Rabat (Malta) pero bil-patt li Paolo Galea, bin oħt it-testatriċi Victoria jibqa' joqgħod fih bla kera sa mewtu'*[8];

ii. prelegat ieħor lill-istess Paolo Galea konsistenti fid-dritt ta' użu esklussiv tar-raba' u ilma, imsejjaħ "Tad-Demus", fil-limiti tal-Imtarfa, Rabat, Malta;

[7] Fol. 14 *et seq*.
[8] Fol. 14.

iii. prelegat ieħor lill-atturi konsistenti fl-*'immobbli kollha li jkollha, salv dak fuq ċitat ...'*;

iv. prelegat ieħor *in piena* proprjetà lil ulied ħuha Salvatore Gauci, u konsistenti fid-dritt tagħha u kull titolu li għandha li tirċievi ċens fuq l-art imsejjħa tal-Ispejjer limiti tal-Imtarfa[9]; u

v. innominat bħala eredi tagħha lil Paolo Galea (bin oħtha Victoria), il-konvenut Alfred Gauci (bin Paolo Gauci u Maria Rosa *neé* Caruana), l-atturi Philip u Carmelo aħwa Gauci (tfal ta' Paolo Gauci u Marianna *neé* Galea), u lil Suor Agostina Gauci, Suor Olderica Gauci u Pauline Fenech[10] tfal ta' Salvatore Gauci[11]; u

vi. innominat eżekutriċi testamentarja.

24.3. Wara l-mewt ta' Maria Gauci, il-partijiet għamlu diversi laqgħat flimkien mal-eżekutriċi sabiex jinqasam il-ġid. Però kien hemm kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-prelegat li tħalla lil Alfred Gauci, għaliex ma kinux qegħdin jaqblu dwar il-konsistenza ta' dak il-prelegat.

---

9 Fol. 17.
10 Li mietet qabilha u sehem tagħha għadda favur l-erba' wliedha, il-konvenuti Melvin Fenech, Kenneth Fenech, Sharon mart John Borg u Marika mart Roderick Asciak, ara fol. 102.
11 Fol. 17.

24.4. Skont l-atturi r-"razzett" jikkonsisti biss fl-ambjenti li kien joqgħod fihom Pawlu Galea u xejn aktar. Il-konvenut Gauci madankollu ppretenda aktar minn hekk u kull darba li ltaqgħu beda jżid l-estensjoni tal-art li skontu kienet tifforma parti mir-razzett imħolli lilu[12];

24.5. Billi l-partijiet baqgħu ma qablux dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-prelegat imħolli lill-konvenut Alfred Gauci, l-immissjoni fil-pussess tal-immobbli baqgħet ma saritx. Dan minkejja l-isforzi tal-eżekutriċi li qasmet il-ġid l-ieħor (flus u deheb)[13];

24.6. Permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tat-13 ta' Settembru tas-sena 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Timothy Ellis, li saret mingħajr ma kienet infurmata l-eżekutriċi testamentarja[14], il-konvenut Alfred Gauci ddikjara li l-prelegat imħolli lilu mid-defunta Maria Gauci jikkonsisti fis-segwenti: (i) fil-*farmhouse* konsistenti f'erbat ikmamar u *toilet*; (ii) fir-razzett tal-bhejjem konsistenti f'ħames griebeġ għall-bhejjem li jinsab fl-istess inħawi u <u>kif ukoll</u>; (iii) fl-għalqa tal-kejl superfiċjali ta' 3,675m$^2$ kif muri fi pjanta annessa mal-istess dikjarazzjoni *causa mortis*[15], ilkoll fl-inħawi ta' Għajn Kellija fl-Imtarfa[16];

---

[12] Fol. 515 *et seq*.
[13] Fol. 170, 171.
[14] Fol. 169.
[15] Fol. 45.
[16] Fol. 38 *et seq*.

24.7. B'reazzjoni l-atturi Philip u Carmelo aħwa Gauci wkoll għamlu dikjarazzjoni *causa* mortis, datata 9 ta' Novembru 2005[17], fejn iddikjaraw li d-defunta Maria Gauci ħalliethom uniċi eredi tagħha u li hija kellha s-segwenti proprjetà:

i. Razzett magħruf bħala "Ta' Skonju" fl-Imtarfa fil-kontrada magħrufa "Ta' Għajn Kellija" tal-kejl ta' 798.86m.k.;

ii. Fond fl-Imtarfa wkoll fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija" konsistenti f'remissa, żewġt ikmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitħa u żewġ griebeġ li jintużaw għat-trobbija tat-tiġieġ, b'kejl ta' ċirka 202.68m.k.;

iii. Għalqa fl-inħawi magħrufa "Ta' Slampa" fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija" fl-Imtarfa bil-kejl ta' 10,112.34m.k.;

iv. Għalqa fl-inħawi magħrufa "Ta' Slandar" fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija" fl-Imtarfa, bil-kejl ta' ċirka 3,164.75m.k.

24.8. Fis-7 ta' Awwissu 2006 l-atturi Philip u Carmelo aħwa Gauci għamlu dikjarazzjoni *causa mortis* oħra[18] fejn iddikjaraw illi:

---

[17] Fol. 111 *et seq.*, 310 *et seq.*
[18] Fol. 345 *et seq.* (m'hemmx prova li d-dokument a fol. 116 *et seq.*, li huwa att simili mħejji min-Nutar ieħor, kien ġie nsinwat).

i. fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tad-9 ta' Novembru 2005 iddikjaraw li l-proprjetà li tissemma tħalliet lilhom bi prelegat u mhux bħala eredi; ir-razzett magħruf bħala "Ta' Skonju", għalkemm il-konfigurazzjoni u rjieħ huma identiċi għal dawk ġja dikjarati, fih kejl ta' ċirka 2,405.69m.k. mhux 798.6m.k. u soġġett għall-passaġġ komuni; l-għalqa fl-inħawi magħrufa "Ta' Slampa" għandha konfigurazzjoni differenti minn dik preċedentement dikjarata u fiha kejl ta' 10,324.07m.k. mhux 10,112.34m.k.; u l-għalqa fl-inħawi magħrufa "Ta' Sandar" fil-kontrada "Ta' Għajn Kellija" fl-Imtarfa, bil-kejl ta' ċirka 3,164.75m.k. hija aċċessibbli mill-għalqa "Ta' Slampa" 'l fuq imsemmija; u li

ii. Maria Gauci <u>kellha wkoll proprjetà konsistenti f'porzjon diviża fil-limiti tal-Imtarfa</u>, fil-maġġior parti blat, tal-kejl ta' ċirka 375.1m.k.) li fuqha hemm kamra rurali bla numru u bla isem.

24.9. L-eżekutriċi xehdet[19] illi mir-riċerki li saru ma nstab ebda kuntratt li seta' juri l-provenjenza tar-razzett imħolli mit-testatriċi lill-konvenut Gauci. Għalhekk, kwantu għall-qies u estensjoni tal-istess hi u l-perit kellhom bilfors jistrieħu fuq dak li qalulhom il-partijiet. Però, meta marru fuq il-post, deherilha li l-pretensjoni ta' Gauci kienet esaġerata u li r-

[19] Fol. 171.

razzett, li jinsab f'tarf passaġġ, kien jinkludi biss biċċa raba' fuq wara delinjata b'ħajt tas-sejjieħ;

24.10. Fi tmiem il-ġbir tal-provi l-Ewwel Qorti wkoll għamlet aċċess fis-sit,[20] u waslet għall-fehma li l-prelegat imħolli lill-konvenut Alfred Gauci, *ossia* '*ir-razzett, li jmiss mal-kmamar ta' ċertu Fredu msejjaħ ta' Ġulin, fl-Imtarfa limiti tar-Rabat (Malta) pero bil-patt li Paolo Galea, bin oħt it-testatriċi Victoria jibqa' joqgħod fih bla kera sa mewtu"*[21] jikkonsisti:

> *"fil-biċċa art li fiha tinstab ir-residenza ta' Pawlu Galea, il-kmamar li fihom jinzammu il-bhejjem, il-kamra li bin l-imħarrek Alfred Gauci, Pawlu, jsejħilha "tal-bagħala", u l-kamra fejn kienu jinżammu l-mogħoż. F'kelma waħda din l-art tikkonsisti f'madwar ħames mija u tlieta u sebgħin punt sebgħa sebgħa tnejn metri kwadri (573.772 m$^2$)".*

24.11. A bażi ta' dik il-konklużjoni, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-atturi biss *in parte* u ordnat li l-ġid tal-wirt li t-testatriċi Maria Gauci ħalliet bħala prelegat lill-atturi u li għaldaqstant għandhom jitqiegħdu fil-pussess tagħhom huma:

i. ir-Razzett ta' Skonju[22] (kif deskritt fit-talba 1.i);

ii. l-Għalqa tas-Slampa[23] (kif deskritta fit-talba 1.iii);

---

[20] Fol. 522.
[21] Fol. 14.
[22] Fol. 20.
[23] Fol. 24.

iii. l-Għalqa tas-Sandar[24] (kif deskritta fit-talba 1.iv);

iv. l-Għalqa tal-Blat[25] (kif deskritta fit-talba 1.v).

25. Il-konvenut xehed li m'għandu ebda pretensjoni relattiva għar-Razzett ta' Skonju[26].

26. Il-pretensjonijiet tal-konvenut Gauci[27] huma fir-rigward:

- tal-"Għalqa tal-Blat" a fol. 28, fejn jinsabu l-ambjenti li fihom kien jgħix l-istess Pawlu Galea;

- tal-"Fond fl-Imtarfa" (pjanta a fol. 22) fejn jinsabu griebeġ fejn Pawlu Galea kien irabbi l-annimali; u

- ta' parti kbira mill-"Għalqa ta' Slampa"[28] (xi sitt itmiem[29]) u ta' parti mill-"Għalqa tas-Sandar" a fol. 26[30] li allegatament kienu għandu bi qbiela skont skrittura eżebita a fol. 469 *et seq*.

---

[24] Fol. 26.
[25] Fol. 28.
[26] Fol. 472, ara pjanta a fol. 20.
[27] Fol. 472, ara pjanta a fol. 20.
[28] Fol. 24.
[29] Fol. 465.
[30] Fol. 479.

**L-“Għalqa tal-Blat”**

27. In subizzjoni l-konvenut Gauci kkonferma li l-kmamar li kien jgħix fihom Pawlu Galea huma dawk indikati bl-aħdar u mmarkat ‘B’ fil-pjanta esebita mill-atturi a fol. 28[31], *ossia* l-“Għalqa tal-Blat”. Fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2014, il-konvenut Gauci ppreżenta *survey* (fol. 391) li dwarha xehdu wliedu Charles u Pawlu Gauci.

28. Għalkemm dan tal-aħħar oriġinarjament xehed[32] li l-ambjenti ‘V’, ‘U’, ‘W’, ‘T’ u ‘S’ li jidhru fis-*survey*, huma fejn kien joqgħod Pawlu Galea, wara reġa’ xehed[33] u qal illi l-parti tar-razzett fejn kien jirrisjedi Pawlu Galea hija dik immarkata b’ċirku kbir[34]. B’mod aktar speċifiku, xehed li l-ambjent immarkat:

- “XW” hija l-kamra tas-sodda fejn kien jorqod Pawlu Galea u l-appoġġ tagħha jmiss mal-kmamar ta’ Fredu ta’ Golina[35];

- “XW1”hija l-i*spare bedroom*;

- “XZ” hija l-kamra tal-banju;

[31] Fol. 301.
[32] Fol. 431 *overleaf* etc.
[33] Fol. 437.
[34] Il-Qorti qed tifhem allura l-grupp ta’ kmamar fuq ix-xellug, ara fol. 444 *overleaf.*
[35] Fol. 463.

- “XY” hija l-loġġa;

- “X kbira” hija l-kċina;

- “W” hija l-bitħa;

- “Q” huwa fejn kien jaħsel il-ħwejjeġ;

- “Z” huwa ħajt fix-xifer eżatt; u

- “Y” hija kamra apparti fejn kien iżomm it-tiġieġ.

29. L-atturi jinsistu li l-prelegat imħolli lill-konvenut Gauci hu biss ir-razzett li jmiss mal-kmamar ta’ Fredu msejjaħ ta’ Gulin, ambjent ta’ madwar 90.42m.k.[36], u xejn iżjed[37]. Jgħidu li l-kumplament tal-art delinjata bil-kulur aħmar fil-pjanta a fol. 28 bil-kejl ta’ 375.10m.k. tispetta lilhom, inkluż il-kamra fejn Pawlu Galea kien irabbi t-tiġieġ.[38]

30. Il-Qorti ma taqbilx mal-atturi. Il-kamra rurali fejn Pawlu Galea kien irrabbi t-tiġieġ kienet tifforma parti mir-razzett ta’ Galea u t-testatriċi dan

[36] Fol. 27.
[37] Fol. 18, para 11.
[38] Ara talba 1.v. u fol. 296 *et seq*.

kienet tafu. Għalhekk, il-preżunzjoni hi li huwa wkoll inkluż fil-prelegat imħolli lill-konvenut Gauci.

31. F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi r-razzett imħolli lill-konvenut Gauci jikkonsisti:

> *"fil-biċċa art li fiha tinstab ir-residenza ta' Pawlu Galea, il-kmamar li fihom jinzammu il-bhejjem, il-kamra li bin l-imħarrek Alfred Gauci, Pawlu, jsejħilha "tal-bagħala", u l-kamra fejn kienu jinżammu l-mogħoż. F'kelma waħda din l-art tikkonsisti f'madwar ħames mija u tlieta u sebgħin punt sebgħa sebgħa tnejn metri kwadri (573.772 $m^2$)".*

32. Milli tista' tifhem din il-Qorti, dak il-kejl (573.772$m^2$) isib l-oriġini tiegħu fis-*survey* li ppreżenta l-konvenut Gauci a fol. 391 u jikkomprendi żona fin-naħa ta' fuq tax-xellug bil-kejl ta' 301.322m.k. (fejn hemm l-ambjenti "XW" , "XW1", "XZ", "XY", "X kbira", "W", "Q", "Z", "Y") u żona oħra fuq in-naħa tal-lemin tagħha bil-kejl ta' 272.450m.k. (fejn hemm l-ambjenti "X", "V", "W" "U", "T", "Y", "Z" u "S"). Kejl li jissemma fl-istess dokument.

33. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura sa fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-prelegat imħolli lill-attur jinkludi kemm l-ambjenti "XW" , "XW1", "XZ", "XY", "X kbira", "W", "Q", "Z", "Y" u kif ukoll l-art tal-madwar, *ossia* l-"Area 301.322sq.m" skont il-pjanta a fol. 391. Biss però, dan ifisser li l-art deskritta fit-talba 1.v. tar-rikors maħluf, bil-kejl ta' 375.10m.k. kif

immarkata fuq il-pjanta a fol. 28 (l-“Għalqa tal-Blat”) tirkeb (*overlaps*) fuq l-ambjenti li jispettaw lill-konvenut Gauci.

34. Għalhekk, it-talba 1.v. fir-rikors maħluf kellha tintlaqa’ biss sa fejn l-art deskritta f’dik it-talba tiżboq ambjenti spettanti lill-konvenut Gauci kif appena ngħad.

**Il-“Fond fl-Imtarfa”**

35. Il-mertu tat-talba 1.ii huma l-ambjenti konsistenti f’remissa, żewġ kmamar li jintużaw għat-trobbija tan-nagħaġ, bitħa u żewġ griebeġ li jintużaw għat-trobbija tat-tiġieġ, li skont l-atturi għandhom kejl ta’ ċirka 202.68m.k. u jidhru fil-pjanta a fol. 22.

36. Pawlu Gauci, ibejn il-konvenut Gauci, xehed[39] li dawk l-ambjenti jinsabu fin-naħa tal-lemin tal-pjanta a fol. 391 fejn:

- il-parti mmarkata bl-ittra “W” huwa fejn Galea kien irabbi n-nagħaġ;
- il-parti mmarkata bl-ittra “X” huwa fejn Galea kien irabbi l-fniek;

[39] Fol. 431 *overleaf* etc.

- il-parti mmarkata bl-ittra "V" hija l-kamra tat-tiġieġ;

- il-parti mmarkata bl-ittra "U" hija bitħa fejn Galea kien irabbi t-tiġieġ;

- il-parti mmarkata bl-ittra "Z" hija l-kamra fejn Galea kien irabbi l-fniek;

- il-parti mmarkata bl-ittra "Y" hija l-kamra fejn Galea kien iżomm il-mogħoż / fniek;

- il-parti mmarkata bl-ittra "T" hija remissa; u

- il-parti mmarkata bl-ittra "S" kienet il-kamra tal-bagħla / ħmara.

37. Fl-2014 il-konvenut Alfred Gauci xehed[40] li 15-il sena qabel, meta Pawlu Galea kien kiber fl-età, huwa kien akkwista dawk l-ambjenti mingħandu u fihom baqa' jrabbi nagħaġ u tiġieġ. Jinsisti li dawn il-kmamar / griebeġ ukoll jifformaw parti mill-prelegat li ħallietlu t-testatriċi[41].

38. Min-naħa l-oħra l-attur Carmelo Gauci, għalkemm jikkonċedi li l-konvenut Gauci kien xtara n-nagħaġ ta' Pawlu Galea u baqa' jrabbihom

[40] Fol. 395 *et seq*.
[41] Ara wkoll ix-xhieda ta' Pawlu Gauci a fol. 449 *et seq*.

fl-imsemmija ambjenti, jinsisti li l-griebeġ mhumiex parti mir-razzett li t-testatriċi ħalliet lill-konvenut Gauci u għalhekk huma proprjetà tiegħu u l-attur l-ieħor[42].

39. Stabbilit l-użu li Pawlu Galea kien jagħmel minn dawk l-ambjenti, li jinsabu fuq art bil-kejl ta' 272.450m.k. (ara pjanta a fol. 391), il-Qorti m'għandhiex dubju li l-istess kienu jifformaw parti integrali mir-razzett li t-testatriċi ħalliet bi prelegat lill-konvenut Gauci. Għalhekk, il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba 1.ii.

40. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet tiċħad l-appell inċidentali tal-atturi.

**L-"Għalqa tas-Sandar"**

41. L-"Għalqa ta' Sandar", kif delinjata fuq il-pjanta a fol. 26 u li għandha kejl ta' ċirka 3,164.75m.k., hija l-mertu tat-talba 1.iv.

42. Mistoqsi dwarha, il-konvenut Gauci stess[43] ikkonferma li din l-art hija maqtugħa sew mir-razzett fejn kien jgħix Pawlu Galea. Fil-fatt, jekk wieħed iqabbel is-*site plan a fol. 26* (pretensjoni atturi) mas-*site plan* a

[42] Fol. 409 *overleaf.*
[43] Fol. 469.

fol. 45 (pretensjoni konvenut Gauci), huwa evidenti li l-"Għalqa Ta' Sandar" tinsab ferm aktar lejn it-tramuntana u ma tiċċentrax mal-medda art li l-konvenut Gauci għamel *causa mortis* dwarha.

43. <u>Għalhekk, dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha l-Qorti tal-ewwel grad laqgħat it-talba 1.iv sejra tiġi kkonfermata</u>.

**<u>L-"Għalqa ta' Slampa"</u>**

44. Kwantu għall-"Għalqa ta' Slampa" il-pretensjoni tal-atturi, kif imfissra fit-talba 1.iii, hija fuq estensjoni ta' art b'kejl ta' 10,324.07m.k. Il-konvenut Gauci jgħid iżda li 3,675m.k. minnhom huma parti mir-razzett spettanti lilu.

45. Matul il-ġbir tal-provi ma ġietx eżebita pjanta unika li turi b'mod ċar u konkret sa fejn il-pretensjonijiet tal-partijiet jimpinġu waħda fuq l-oħra. L-atturi ttentaw iressqu din il-prova flimkien mat-tweġiba tal-appell tagħhom[44]. Skizz li *piu o meno* jikkombaċja mal-pjanta a fol. 391.

46. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut Gauci qal li apparti l-parti mmarkata bl-ittra "O" fil-pjanta a fol. 391, li huwa ġardin bis-siġar tal-larinġ li dejjem żammet it-testatriċi, il-kumplament tal-art tinħadem minnu[45]. Jgħid li l-

[44] Fol. 589.
[45] Fol. 475.

istess ingħatat lilu b'kera matul ħajjet it-testatriċi[46] iżda pprovdiet li tħallihielu b'wirt mar-razzett wara mewtha[47]. Safrattant, xorta qiegħed jiddepożita l-qbiela l-Qorti[48].

47. Iben il-konvenut Charles Gauci wkoll xehed li l-art kollha "Ta' Slampa", bl-eċċezzjoni tal-parti mmarkata bl-ittra "O" fil-pjanta a fol. 391, hija mqabbla lil missieru. Madankollu, jgħid li hija biss il-porzjon art immarkata b'kejl ta' 3,238.04m.k. li tifforma parti mir-razzett li wiret missieru. Jgħid li l-porzjonijiet l-oħra, *ossia* dik immarkata bl-ittra 'O' u l-parti b'kejl ta' 2,744.436m.k., wirtuhom l-atturi[49]. Mistoqsi Pawlu Galea x'kien jagħmel bir-raba' li skont il-konvenut missieru tagħmel mar-razzett wieġeb hekk:

> ***"Xhud - Charles Gauci***
> *Pawlu ma kienx jaħdem ġo fiha, imma kienu tawh hawn hekk. Għax kien hekk hawn dan .... u irranġawlu hawn hekk. Beda meta kien żgħir Pawlu, x'hin qabad jiġifieri (la Maltija) beda isir ġuvnott, biex jibda jfendi ...*
>
> ***Dr. Chris Cilia***
> *U din kontu taħdmuha intom għaliex kellkom il-qbiela.*
>
> ***Xhud – Charles Gauci***
> *Iva."*[50]

48. Pawlu Gauci, it-tifel l-ieħor tal-konvenut Gauci, ukoll xehed[51] li l-istess art kienet tinħadem minnhom bi qbiela u fuq il-pjanta a fol. 391

[46] Fol. 469.
[47] Fol. 477.
[48] Fol. 120 – 125.
[49] Fol. 425 *overleaf.*
[50] Fol. 428.
[51] Fol. 445.

indika bl-ittra "P" ġardin żgħir li jgħid minn dejjem mikri lill-konvenut missieru.

49. L-iskrittura[52] li permezz tagħha, fi Frar tal-1980, it-testatriċi (f'isimha u f'isem ħutha) tat bi qbiela lill-konvenut Alfred Gauci tmint itmiem (8T) raba' tirreferi għall-art viċin ir-razzett tagħha magħrufa bħala "ta' Skonju" li huwa sitwat ħdejn il-parti inferjuri tal-għalqa ta' Slampa. Mingħajr ma tidħol fil-mertu ta' dik il-qbiela (għaliex mhux il-mertu ta' din il-kawża) għall-finijiet tal-aggravju tal-konvenut il-Qorti tqis illi tmint itmiem huma madwar 9,000m.k.. Fatt li ma jinkwadrax mal-pretensjoni tal-konvenut billi dik il-parti tal-"Għalqa Ta' Slampa" li skont il-konvenut tifforma parti mill-prelegat imħolli lilu għandha kejl ta' 3,238.408m.k.[53] / 3,675m.k. (3T. 1S. 6K)[54].

50. Dan apparti l-fatt li skont l-istess skrittura dik il-qbiela kellha tintemm mal-mewt tas-sidien tal-art, b'dan illi l-konvenut Alfred Gauci kellu joħroġ mill-għelieqi f'għeluq dik is-sena, u jekk jonqos, jgħaddi l-għelieqi lura lill-werrieta taħt penali ta' tlitt elef Lira Maltin (Lm3,000). Dispożizzjoni li, għal kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut Gauci, turi li r-rieda tat-testatriċi kienet li wara mewtha l-art ma tibqax għand il-konvenut Gauci.

---

[52] Fol. 469 – 470.
[53] Skont il-pjanta a fol. 391.
[54] Skont id-dikjarazzjoni *causa mortis* a fol. 44.

51. It-teżi tal-konvenut lanqas ma ssib sostenn fil-paragun li huwa jagħmel mal-estensjoni tal-proprjetà u artijiet li t-testatriċi ħalliet lil-legatarji l-oħra (skontu riedet tħallilhom razzett kull wieħed bl-artijiet miegħu). Fl-ewwel lok, il-prelegat li t-testatriċi ħalliet lill-atturi ma kienx limitat biss għar-razzett "Ta' Skonju" bl-artijiet tal-madwar. Kien iżda prelegat li jikkonsisti, b'mod ġenerali, fl-immobbli kollha tagħha salv dawk imħollija lil-legatarji l-oħra. Fit-tieni lok, il-prelegat li t-testatriċi ħalliet lill-ulied ħuha Salvatore Gauci jikkonsisti biss fid-dritt li jirċievu ċ-ċens fuq l-art imsejjħa tal-"Ispejjer".

52. Lanqas ma għandu raġun il-konvenut jargumenta li, billi l-partijiet kienu lkoll werrieta "id-dubju" dwar l-estensjoni tal-prelegat imħolli lilu *"kellu, jew ma jiffavorixxi l-ebda parti jew inkella ex gratia argomenti jekk xejn japplika"* favurih[55]. Fil-każ in eżami m'hemmx dubju għaliex ma jirriżultax li l-art li l-konvenut qiegħed javvanza pretensjoni dwarha kienet tifforma parti mir-razzett li kellu f'idejh Pawlu Galea. Il-provi juru b'mod ċar li l-proprjetà kienet distinta u separata minn dak ir-razzett billi:

i. fattwalment il-ħbula ta' dik ir-raba' huma mtarrġa b'għoli ta' żewġ sulari[56];

[55] Ara para 3.39 tar-rikors tal-appell a fol. 582 – 3.
[56] Fol. 522 – 523.

ii. aktar minn hekk, il-konvenut Galea stess jinsisti li sa mill-1980 (u allura ferm qabel ma saru t-testmenti inkwistjoni fl-1993 u 1995) dik l-art kienet ġiet imqabbla lilu; u

iii. Charles Gauci (iben il-konvenut Gauci) stess jikkonferma li Pawlu Galea qatt ma ħadem l-istess art.

53. Għalhekk m'hemmx dubju li dik l-art ma kinitx tifforma parti mir-razzett li t-testatriċi ħalliet bi prelegat lill-konvenut Gauci.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi:

i. Tiċħad l-appell inċidentali tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom.

ii. Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenut Gauci u tvarja s-sentenza appellata fil-parti fejn laqgħet it-talba tal-atturi dwar *"il-porzjon art diviża fil-limit tal-Imtarfa tal-jel ta' madwar 375.10 metri kwadri u tmiss mit-tramuntana u mil-lvant ma' ġid tal-imħarrek Alfred Gauci u mill-punent ma' ġid tal-mejta Maria Gauci jew irjieħ oħra verjuri"*, u minflok tilqa' dik it-talba tal-attur biss fir-

rigward ta' dik il-parti mill-art li ma tirkibx fuq dik il-porzjon art li fis-*survey* Dok. 'AG' (fol. 391) għandha kejl ta' 301.322 metri kwadri.

iii. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.

iv. Spejjeż tal-appell jinqasmu inkwantu għal tliet kwarti (¾) a karigu tal-appellant Gauci u kwart (¼) a karigu tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm